# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU SITTAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar, 2006 fis-6.30pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.30pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.30pm |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | 6.30pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.45pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.30pm |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet lis-Sindku
(4) Ilmenti
(5) Rapport Attivitajiet
(6) Job description
(7) Website
(8) Pjan ta' infiq għas-sentejn li ġejjin
(9) Devoluzzjoni Shelters
(10) Pagamenti

## 16 (1) Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta imressqa mill-Viċi Sindku, Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva nem com il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Nru. 15, kif preżentati.

## 16 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

16(2) .1 Għoti ta' premjijiet skola – 14 ta' Diċembru 2005

Is-Sindku, il-kunsilliera u is-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-għoti ta' premjijiet fl-iskola Primarja Don Mauro Inguanez. Is-Sindku ippreżenta ktieb għall-aħjar student b'sens ċiviku.

16(2) .2 Jum il-Premjazzjoni (Birgu – 15 ta' Diċembru 2005)

Il-Kunsillier Reno Chircop, f'isem il-Kunsill attenda għal Jum il-Premjazzjoni fl-iskola Lorenzo Gafa' fil-Birgu. Huwa ippreżenta ktieb lill-student mill-Isla u li qed jattendi f'din l-iskola.

16(2) .3 Radju Kottener – 21 ta' Diċembru 2005

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden fuq Radju Kottoner għal programm ta' siegħa fejn ta tagħrif dwar il-ħidma li dan il-Kunsill qed iwettaq.

16(2) .4 Laqgħa ma l-MEP Joseph Muscat

L-erba' sindki tal-Kottonera kienu mistiedna mill-membru parlamentari ewropew Joseph Muscat fejn ingħataw tagħrif fuq proġett li hu qed jaħdem fuqu għal ġid tat-tfal tal-Kottonera. Aktar tagħrif jingħata aktar il-quddiem.

16(2). 5 Attivita' għall-Anzjani – 22 ta' Diċembru 2005

Saret l-attivita' għall-anzjani fis-Sede Azzjoni Kattolika li għaliha attendew l-akbar numru ta' anzjani sa issa kemm ilha tiġi organnizzata din l-attivita' 'Rigal lill-Anzjani'. Kien hemm 200 ruħ. Ma hemmx dubju li reġgħet kienet suċess.

16(2) .6 Ikla għal l-anzjani – 28 ta' Diċembru 2005

Saret ikla għall-anzjani u familji fil-lukanda San Antonio. Kienet ħarġa ta' ġurnata li għaliha attendew 180 ruħ.

Filgħaxija ġiet organizzata ikla għal Kunsilliera u Staff tal-Kunsill.

16 (2) .7 Globe Investments - 30 ta' Diċembru 2005

Is-sur Maurizio Iacono, rappreżentant tal-Globe Group of Companies kellu laqgħa mas-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.
Sar bdil ta' ideat u kif din il-kumpanija tista' tgħin fil-finanzjament ta' attivitajiet li il-Kunsill jkun qed jagħmel.

Għandhom isiru aktar laqgħat u taħdidiet dwar dan is-suġġett.

16 (2) .8 Rikonnoxximent lit-tfal li għaddew mill-Junior Lyceum – 30 ta' Diċembru '05

Sar rikonnoxximent għat-tfal li għaddew għal Junior Lyceum kif ukoll ingħata apprezzament lil dawk li jagħtu għajnuna lil Kunsill b'xogħol volontarju. Dawk preżenti ingħataw tifkira.

16 (2) 9 Pantomima – 31 ta' Diċembru 2005

Ġiet organizzata ħarġa għat-tfal ta' l-iskola Primarja, li flimkien mal-ġenituri tagħhom marru jaraw il-Pantomima. Dawk it-tfal li attendew ġew issussidjati mill-Kunsill.

16 (2) 10 Partnership East Sussex – 5 ta' Jannar 2006

Saret laqgħa fil-Kunsill ma Peter James Council Leader u Mrs. Jacqui Lait Member of Parliament Ingliż East Sussex, sabiex nibdew negozju jew diskussjonijiet, biex dan il-Kunsill jagħmel partnership ma New Heaven jew xi belt oħra.

Permess ta' hekk dan il-Kunsill ikun jista' jibbenifika minn fondi Ewropea fejn tidħol Edukazzjoni – Restoration jew Proġetti Lokali. Ġie miftiehem li ssir ittra mill-Kunsill. Preżenti kien hemm is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Louis Henwood il-Perit Chris Spiteri u il-Perit Ray Bondin.

16 (2) 11 Kalendarju tal-Kunsill 2006

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li beda jitqassam dan il-Kalendarju fid-djar lil kull ċittadin.

Kien hemm kummenti pożittivi dwar dan il-kalendarju bi sfond taż-żjara ta' l-HMS Illustrious fil-Port il-Kbir u l-attivita' li ittellgħet fl-Isla.

Kopji ta' dan il-kalendarju intbagħtu lill-ambaxxatur Ingliż u sar ferm prominenti barra xtutna.

16 (2) 12 Proġetti MED dwar iż-żgħażagħ

Qiegħdin nirċievu korrispondenza dwar proġetti ma l-E.U. b'mod speċjali fejn jidħlu żagħżagħ mill-eta' ta' bejn l-14 u it-18 il sena.

Minħabba l-impenn li għandu il-Kunsill f'dawn is-sentejn li ġejjin mhux se jaċċetta li nidħlu f'proġetti oħra ħlief dawk li ġa hemm ftehim fuqhom jew li hemm commitment magħhom. Dan ifisser biss li il-Kunsill ma jistax jiffinalizza jew jagħti għajnuna biex xi ħadd mill-Kunsill jew mill-Komunita' jipparteċipa fil-proġetti.
Mhux kontra li il-Kunsill jirrakomanda lil xi żgħażugħ/a biex jipparteċipa f'proġetti u parti mill-ispejjeż ikunu għalih. Fejn nistgħu mingħajr ħruġ ta' finanzi nagħtu għajnuna.

Sakemm kull proġett ikun iffinalizat kollu kemm hu mill-E.U. u il-kommunita' ta' l-Isla se tibbenefika , lest li inressaq il-proposta quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

16 (2) 13 Tagħrif liċ-ċittadin Senglean

Is-Sindku Joseph Casha qed iħoss il-bżonn li iċ-ċittadin Senglean jkun infurmat aħjar bil-ħidma u l-attivitajiet imtella' mill-Kunsill. Hu xtaq li jagħti highlights mill-Minuti biex jkunu esponuti fin-notice boards speċjalment il-kommunikazzjoni mis-sindku u id-deċiżjonijiet li jittieħdu.

Ġie suġġerit li nerġgħu nagħmlu bħal newsletter għax iktar nistgħu nilħqu liċ-ċittadini Sengleani kif kien isir qabel.

Is-Sindku qal li huwa jaqbel li għandu jsir hekk , imma impossibli li jerġa jieħu ħsieb huwa ta' din l-informazzjoni meħtieġa.

Il-Kunsill qabel li il-Kunsillier Charmaine Gerada tieħu ħsieb tfassal newsletter biex wara li jkun approvat mill-Kunsill jkun imqassam lir-residenti kollha fl-Isla.

16 (2). 14 Applikazzjoni Football Ground – Ponta

Sa din il-laqgħa ma kienx hemm tibdil mis-sitwazzjoni ta' qabel. Sakemm joħroġ il-permess għat-tibdil fit-taraġ ma jistax jibda ix-xogħol. Barra minn dan għad trid tiġi irriveduta il-pożizzjoni tal-Kunsill fid-dawl tal-kuntratt.

Huwa stmat li il-proġett kollu jista' jiġi jiswa madwar Lm20,000. il-Kunsill huwa tal-fehma li jieħu parir legali qabel jsir xi forma ta' ftehim mas-Senglea Athletic Footbal Club.

16 (2). 15 Kuntratti Pendenti

Dawn huma:

- Bulk Refuse Collection (BKR 04)
- It-Tindif ta' Toroq (SCS 04)
- Żamma tal-Ġonna u Spazji Pubbliċi (PKFG 04)

L-avviżi diġa ħarġu u l-offerti jagħlqu nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2006 f'nofsinhar.

16 (2) 16 Korrispondenza – 6 ta' Diċembru – 11 ta' Jannar 2006

Korrispondenza li waslet u li ħarġet mill-Kunsill bejn is-6 ta' Diċembru u il-11 ta' Jannar – kopja mehmuża ma dawn il-minuti.

Korrispondenza mressqa quddiem il-Kunsill.

04/3056/05/I Laqgħa Sindki / Viċi Sindki (9/10 ta' Diċembru 2005)

Kopja tal-mozzjonijiet mressqa għal din il-laqgħa.

04/3058/05/I Applikazzjonijiet MEPA

Fosthom kien hemm it-talba tal-Kunsill dwar il-Ground tal-Football. 05734/05

04/3059/05/I Ftehim Kolletiv

Dan il-ftehim kolletiv li sejjer jitressaq għall-approvazzjoni tal-laqgħa tas-Sindki/Viċi Sindki. Jkopri l-impjegati kollha tal-Kunsilli Lokali.

04/3075/05/I Attivita' Anzjani

L-arċipriet Kan. Joe Grech għarraf lil Kunsill li il-Kunsill Parrokkjali sejjer joffri b'xejn il-preparazzjoni ta' l-ikel fl-attivita' ta' Rigal lill-Anzjani (22/12/2005). Il-party jitella mill-Kunsill.

04/3001/05/I Stima perit għal Ground tal-Ponta

L-istima mill-perit għal dan il-ground 5-a- side synthetic tlaħħaq madwar Lm20,000

04/3111/05/I Kors Aerobics

Il-Kunsill ma aċċettax it-talba ta' Julian Galdes għal dan il-kors fis-sala tal-Kunsill minħabba li diġa għaddej kors simili taħt l-iskema tal-Life Long Learning Center. Il-Kunsill jikkunsidra it-talba mill-ġdid wara Marzu 2006. Is-Sur Galdes ġie nfurmat.

04/0004/06/I Ilment dwar id-dawl maqtugħ taħt il-Maċina

Dan l-ilment ġie indirizzat mill-Kunsill

04/0006/06/I Proġett E-games for Youths –SCAS – Bulgaria

Irċivejna e-mail mill-'Scas' dwar proġett E-Games biex nibgħatu rappreżentant għal meeting li sa jsir il-Bulgaria bejn l-20 u it-22 ta' Jannar 2006.

04/0007/06/I Kommemorazzjoni Vittmi tal-Gwerra (16 ta' Jannar 2006)

Il-Kunsill ġie mistieden biex jipparteċipa f'din il-kommemorazzjoni li sejra titella mill-Arċipriet fl-okkażżjoni tal-mewt li soffrew il-vittmi ta' l-aħħar Gwerra dinjija.

04/0040/06/I Devoluzzjoni Shelters

Id-Dipartiment għal Gvern Lokali bagħat jinforma lill-Kunsill dwar kif għandha issir applikazzjoni formali għal din id-devoluzzjoni – Memo 25/995 mehmuża

04/0041/06/I Dar il-Kaptan / Aċċess

Il-Kunsill ġie mgħaraff dwar ġimgħa ta' attivitajiet li Dar il-Kaptan qed itella u kif il-Kunsill jista jipparteċipa f'dawn l-attivijiet.

04/0052/06/I Kumitat Konġunt Dawl Toroq (20 ta' Jannar 2006)

F'din il-laqgħa sejjer jiġi diskuss il-ħruġ ta' tender għal kuntrattur u Contract Manager.

04/0053/06/I Littering Regulations (13 ta' Jannar 2006)

Sejra issir laqgħa dwar dan f'St. James Cavallier. Preżenti Ministru Pullicino.

04/0064/06/I Sistema Hello

Permezz ta' l-AKL memo 55/2005 il-Kunsilli ġew mħeġġa jieħdu parti f'din l-iskema. Il-Kunsill qed jikkunsidra din l-offerta.

Librerij Pubbliċi Lokali

Sejra issir ħidma b'risq il-ġbir tal-patrimonju miktub f'kull raħal tal-gżejjer ta' Malta u Għawdex. Għaldaqstant għandhom jintbagħtu kopji ta' kull pubblikazzjoni maħruġa mill-kunsilli. Preżenti għal laqgħa kienu id-Direttur Natalino Attard u Philip Borg.

## 16 (3) Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet

## 16 (4) Ilmenti

| | |
|---|---|
| 04/001/06 | Wires tad-dawl qed jisparkjaw, b'riżultat li il-bozoz ta' Triq il-Mina tax-Xatt jinfew. Azzjoni meħuda. |
| 57/B | Bulk Refuse rappurtat mir-residenti li ma ġiex miġbur. Azzjoni meħuda. |
| 58/B | Bankina li hemm bejn Triq San Pietru u San Pawl qed tkun tiżloq. Ittieħdet azzjoni billi din il-parti tal-bankina ġiet migrufa. |
| 59/B | Biex tiġi irranġata il-bankina ta' quddiem l-iskola. Azzjoni meħuda. |
| 04/0003/06 | Kanna ta' l-ilma mifqugħa fi Triq il-Maċina ġiet irranġata. |
| 61/B – 04/0004/06 | It-talba biex id-daħla ta' l-Isla ħdejn il-Mini tiġi mdawla sewwa, ġiet milqugħa u effetwata. |
| 04/0005/06 | Ix-xorok maqsum fis-saqaf ta' wieħed mill-appartamenti f' Misraħ Papa' Benedittu ġie irrapurtat lil Housing and Property Departement. |
| 63/B | Residenta irrapurtat li fin-naħa tagħha qed ikun hemm siringi fit-toroq viċin l-Arkati. Qed ikun hemm żgħażagħ jitkellmu ħażin u jieħdu id-drogi. Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-Mobile Squad biex jilqgħu għal dan l-ilment. |
| 62/B | Din ir-residenta qed titlob li jsir no parking quddiem il-bieb tagħha bil-konsegwenza li l-exhaust qed jidħol f'darha. Il-Kunsill sejjer jordna traffic sign biex jilqa għal dan. |
| 04/0007/06 | Balavostri maqsuma f'gallarija fi Triq San Ġużepp. Perikolużi ħafna. Tressaq l-ilment minnufih lil Housing and Property Departement. |

## 16 (5) Rapport ta' l-attivitajiet

Mehmuż ma dawn il-minuti – rapport finanzjarju kif marru l-attivitajiet bi ħlas li ġew imtella mil-Kunsill sa din il-laqgħa.

## 16 (6) Job Description

Ġew preżentati il-job descriptions taż-żewġ skrivani f'impjieg mal-Kunsill, waħda fuq bażi full time u l-ieħor fuq bażi kuntrattwali (kopja mehmuża)

16 (6) .1 Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada u issekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva it-tiġdid tal-kuntratt tas-servizzi klerikali għal sena oħra b'effett mil-5 ta' Diċembru 2005 (kopja mehmuża)

## 16 (7) Website tal-Kunsill

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-website tal-Kunsill li għanda tiġi aġġornata u tkun aġġornata fuq bażi regolari għax sa issa dan ma kienx qed isir regolari.

Il-ħsieb huwa li il-ħidma tal-Kunsill tiġi trasmessa liċ-ċittadini fil-ħin opportun u kontinwament. Ġie suġġerit li l-impjegat fuq bażi kuntrattwali jieħu ħsieb jaġġorna din il-website regolarment.

## 16 (8) Pjan ta' nfiq għas-sentejn li ġejjin 05/06

Dawn huma ix-xogħolijiet kompluti li il-Kunsill bi ħsiebu jwettaq tul is-sentejn li ġejjin.

- Tibdil ta' water mains fi Triq iż-Żewġ Mini, Triq San Franġisk, Triq il-Ponta.

Wara dan jingħata l-asphalt f'dawn it-toroq inkluż Triq San Ġużepp li hija lesta mill-mains u servizzi ta' l-ilma.

Xogħol ieħor li huwa ndikat li jsir f'dawn is-sentejn li ġejjin huwa:

- Embellishment ta' Pjazza Andrea Debono
- Capstan f'Dawret ix-Xatt
- Triq il-Ħabs l-Antik
- Ground tal-Football – Artificial Turf (Perit)

## 16 (9) Devoluzzjoni Shelters

Minn stħarriġ li għamel dan il-Kunsill sar magħruf li hemm diversi shelters taħt l-Isla u li huma ta' valur storiku. Il-Kunsill huwa tal-fehma li postijiet bħal dawn għandhom jiġu indikati u reabilitati biex isiru ta' attrazzjoni turistika fl-Isla.

Għaldaqstant fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar u issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, il-Kunsill approva is-suġġeriment imressaq biex dawn ix-shelters għall-inqas fil-bidu tnejn minnhom jiġu riabilitati.

Għandha issir stima tax-xogħol meħtieġ. Wara il-Kunsill jkun f'pożizzjoni li jevalwa x'għandu jsir u kif għandha issir id-devoluzzjoni.

## 16 (10) Pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-pagament għal ħlasijiet dovuti kif mehmuż għall-ammont ta' Lm12,307.51

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fid-9.45pm

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha<br>Sindku

Alphonse Zammit<br>Segretarju Eżekuttiv